**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**

**vs**

**Daryl Mark Borg**

**Illum, 12 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Daryl Mark Borg ta' 37 sena, iben Anthony u Sylvia nee' Friggieri, imwieled Pietà nhar l-4 ta' Ġunju 1986, residenti 76, Chlodyl, Triq Karmenu Vassallo, Iklin u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 250086M:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala persuna li tħaddem fis-sit sitwat f'25, Solea, Triq Nazju Falzon, Gżira, nhar it-2 ta' Marzu 2022 u fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqast li tara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-

użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew inġene għal utenti differenti. Nqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqast wkoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)

4. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi inqas li tagħmel, jew li tiżgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attivita tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżulta mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L.36/03 (S.L. 424.18).

5. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-2 ta' Marzu 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Att XXVII/2000.

6. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tavża lill Jobsplus dwar l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Akkużat ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, bħala prinċipal l-impjegajt xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u l-liċenzja ta' impjieg, ai termini tal-artiklu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023, wara li nqraw l-akkużi, l-imputat wieġeb mhux ħati;

Semgħat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt l-istess seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 l-prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi, u dak inhar stess wara li xehed l-imputat id-difiża ddikjarat li għalqet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Clinton Cachia** xehdet bħala uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li huwa għamel żewġ spezzjonijiet, waħda fit-2 ta' Marzu 2022, u oħra fis-26 ta' Jannar 2022.

   Fis-26 ta' Jannar għamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni li jġib l-indirizz 25 Solea, Triq Nazju Falzon, il-Gżira. Il-proġett kien jikkonsisti fit-twaqqiegħ ta' proprjetà eżistenti, it-tħaffir tal-plot, kif ukoll il-bini ta' xi sitt appartamenti. Meta għamel l-ispezzjoni kien qed jissaqqaf il-penthouse. Fuq il-post kien hemm erba' ħaddiema - ċertu Stephen Cachia li ma kellux ID card fuqu, ċertu Justin Schembri

37100L, ċertu wieħed Edward Mesu mill-Gana, u Imram Patel mill-Indja li ma kellhomx ID card. Ix-xhud ippreżenta sett ta' 9 ritratti li ħa fis-26 ta' Jannar (fol 7 sa 9).

Meta saqsihom ma min kienu jaħdmu, huma rreferewh għall Daryl Borg. Huwa dderieġa l-Qorti għar-ritratti li juru nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji, nuqqas ta' railing f'partijiet mit-taraġ, kif ukoll kien hemm truf tas-saqaf mingħajr ilqugħ.

Jgħid ukoll li f'ritratt numru 2, kien hemm ħaddiem fit-tarf u ma kienx ma kienx liebes l-ebda forma ta' safety harness, li kien qiegħed jaqla' l-injam tal-ġenb tax-shuttering. Kien hemm xi ħaddiema ma kellhomx safety shoes ukoll.

Ix-xhud jgħid li minn nuqqasijiet li ra, jidher li ma kinitx saret evalwazzjoni tar-riskju biex jiġu evitati l-perikli fuq is-sit. Jgħid ukoll li huwa ħareġ stop order, fejn talab dokumenti dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, biss dan id-dokument qatt ma wasal għandu. Daryl Borg ġie infurmat permezz tat-telefon, u l-għada ntbagħtet ordni ta' waqfien mix-xogħol permezz ta' email. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-email bid-delivery notice li tindika li l-email kienet wasslet għand Daryl Borg. Seta jsir xogħol rimedjali biss u qabel jitkompla kull forma ta' xogħol, kellu jintbagħat rapport mill-project supervisor illi s-sit kien sigur. Huwa talbu jissottometti kopja tar-risk assessment, u talbu wkoll biex jiġi għal-laqgħa l-Awtorità. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-email li bagħatu (fol 10 u 11).

Construction notification form ma kelliex għalfejn issir peress li mil-breakdown tax-xogħlijiet mill-perit ix-xogħol kien taħt il-five hundred person days.

Ix-xhud jgħid li fl-4 ta' Frar 2022 saret laqgħa mas-sur Daryl Borg ID card 25006M fil-kapaċità tiegħu bħala l-kuntrattur, u wara li ġie mwissi u imfakkar fid-drittijiet tas-silenzju, ġew diskussi in-

nuqqasijiet osservati fuq is-sit. Jgħid li l-imputat dakinhar ikkonferma li l-ħaddiema li kienu fuq il-post kienu impjegati tiegħu. L-evalwazzjoni tar-riskju mitluba fl-ordni baqgħet ma ngħatatx.

Sussegwentement fit-2 ta' Marzu reġa' għamel spezzjoni fuq is-sit biex jikkonferma li x-xogħol rimedjali kien adegwat, bil-għan li jirrevoka l-ordni ta' waqfien mix-xogħol, ġibed xi ritratti u fil-fatt esebixxa sett ta' 7 ritratti (fol 13 sa 16fol 18 ). Fit-tieni spezzjoni ma kienx hemm ħaddiema. Huwa ma tax ir-revoka għax kif jidher partikolarment f'ritratti 1, 3, u 6 kien hemm nuqqasijiet li ma kinux issodisfaw il-minimum requirements. Per eżempju l-parapet wall ta' l-ewwel ritratt huwa baxx fejn dak suppost irid jitla' għoli ta' metru. Ritratti, 3 u 6 juru r-railing li kien jew illapazzat, jew inkella għoli żżejjed allura ma jagħmilx sens bħala lqugħ. Ritratt 3 juri railing ġonġut, b'riżultat li dan jitlef is-saħħa.

Barra minn hekk huwa osserva li minkejja l-ordni ta' waqfien tax-xogħol, ix-xogħlijiet kienu tkomplew. Huwa ppreżenta t-tielet sett ta' ritratti li huwa compare and contrast tas-sit fis-26 ta' Jannar, ma dak ekwivalenti ta' 2 ta' Marzu. Huwa jżid li minkejja li kien hemm ordni ta' waqfien mix-xogħol, kienet ittellgħet l-oppramorta mad-dawra kollha.

Waqt il-kontroeżami jgħid li r-ritratti ttieħdu b'camera tax-xogħol, iżda hu ma telax sa fuq għax it-taraġ ma kellux railing komplut. Sussegwentement saret il-laqgħa mal-imputat. Imbagħad eventwalment infurmawna li saru remedial works, kien fl-1 ta' Marzu, u ftiehem mas-sur Vella, li kien il-project supervisor, biex jiltaqa l-għada fuq il-post. Ir-remedial works li kellhom isiru kienu r-railings fit-taraġ, ir-railing fil-gallariji, u fil-każ li kien hemm nuqqas ta' lqugħ fuq il-penthouse, kellu jiddawwar b'mod temporanju, mhux jinbena, għax dak huwa xogħol produttiv.

2. **Louis Buhagiar** bħala rappreżentant tal-Jobs Plus u ppreżenta żewġ dokumenti konsistenti fl-employment history tal-imputat, u lista ta' persuni li huwa ħaddem fid-data tat-2 ta' Marzu 2022. (fol 18 sa 20).

   Jgħid li Daryl Borg kien jaħdem bħala self employed bħala Highup Picker, u fil-ġurnata tat-2 ta' Marzu 2020 kien hemm is-sur Borg flimkien ma' sitt impjegati oħra. Jiġifieri b'kollox kienu seba'. Kien iħaddem sitta min-nies.

3. **Justin Schembri** xehed li xogħlu hu li jqiegħed il-bricks. Kien qiegħed jaħdem ma Daryl Borg, li huwa għaraf fl-Awla, u f'ħin minnhom għajtulu biex jinżel isfel. Huwa niżel fejn sab lill tas-safety. Dak il-ħin kien qed intella' xi għodda biex nibdew l-opramorta. Huwa ma ftakarx id-data. Jgħid li minn dak iż-żmien il-hawn ma ħadimx iktar f' dak ix-xogħol. Muri ritratti a fol 5 et sek sa fol 17 huwa għaraf il-blokka. Jgħid li kien ilu tlett ijiem biss jaħdem f'dak il-post. Kien qed jagħmel l-opramorta bil-bricks u mbagħad ma kompliex. Huwa jgħid li ma reġax ħadem fuq dan is-sit jew mal-imputat wara li ġew tal-health and safety.

   Lill tas-Safety, inzerthom darba meta qallu biex jinżel u kellmu fuq xi taraġ, u fuq xi njam tas-safety. Jgħid li tela fuq il-lant tax-xogħol bit-taraġ normali, imbagħad fix-xaft tal-lift kien hemm it-travetti u sellum. Taraġ għal fuq minn barra ma kienx hemm.

   Dwar l-opramorta, jgħid li hu għamel biċċa żgħira minnha, xi tliet filati għalkemm aktar tard isemmi erba' filati ukoll. Jgħid li poġġa xi għoxrin briksa b'kollox u poġġihom dakinhar qabel ma ġie tal-health and safety.

   Waqt il-kontroeżami jgħid li hu ma kienx impjegat ta' Daryl Borg iżda kien jaħdem bil-fattura u jitħallas tmienja u għoxrin ewro (€28) l-

qasba, jiġifieri skont kemm iqiegħed bricks jitħallas u joħroġ il-kont lil-Daryl Borg.

4. **Stephen Cachia** xehed li xogħlu bħala impjegat ta' Daryl Borg, li x-xhud għaraf fl-Awla, kien li jġorr l-affarijiet li jkun hemm bżonn bil-vann fuq il-lantijiet tax-xogħol. Kien jagħmel dak li jkun hemm bżonn, bħall travetti, injam u dak li għandu x-jaqsam mal-construction. Dwar ix-xogħol fil-Gżira ta' Daryl Borg, jgħid li kienu jmmorru hemm u jagħmlu li jkun hemm bżonn. Huwa ma ftakarx l-isem tat-Triq biss kien imur fil-binja waħdu. Huwa għaraf il-binja mir-ritratti.

   Għalkemm ma jiftakarx id-data, jiftakar li kien mar tas-Safety minħabba xi affarijiet. Dakinhar kien qed iħott xi bricks u kien hemm ħaddiema oħra. Muri ritratt numru 1 u 2 jikkonferma li dawk il-ħaddiema kienu hemm. Bl-istess mod għalkemm jammetti li kien jaf iqiegħed il-bricks jgħid li dan ma kienx xogħlu u ma beniex brieks fis-sit in kwistjoni. Muri ritratt numru 2 (fol 5), jgħid li hu ma jidhirx fir-ritratt.

   Jgħid li l-binja kien fiha xi 4 sulari u l-penthouse u li meta ġew l-uffiċjali tas-Safety, dawn għajtulhom biex jinżlu isfel, u niżel minn ġo t-taraġ tal-konkos.

Illi d-difiża tressaq lill-imputat in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

1. **Daryl Borg** xehed u spjega kif kien għaddej bix-xogħol tal-kostruzzjoni ġewwa is-site il-Gżira li hija ta' Victor Vella, u meta wasalna fl-opramorta jiġifieri lestejna l-blokka li kienet tikkonsisti f'six plus one, seba sulari, u konna qed nagħmlu l-opramorta, qabbadt lil Justin u l-papa tiegħu bil-fattura biex itellaw l-opramorta. Huwa għalkemm kellu l-ħaddiema tiegħu, ma użax lilhom peress li meta l-

ħaddiema jkunu bil-paga ma jgħaġġlux daqs meta tqabbad lill xi ħadd bil-fattura. Huwa jispjega li f'dawk iż-żminijiet ta' Jannar, Frar, f'dak l-għoli l-opramorta tkun ta' periklu kbir għax jekk jaqbadha riħ jitfaħielek għal isfel. Dawn kellhom jiġu fuq tlett ijiem u jtellgħuha.

Imbagħad ġie l-Uffiċjali tal-OHSA sabhom jagħmlu l-aħħar biċċa mid-dawra sħiħa ta' one bedroom xi forty jew fifty square meters, jiġifieri l-injam kien maqlugħ. Jgħid li m'hemmx iktar minn 250 briksa dawra tond mal-opramorta.

Dwar l-istop order jgħid li din kienet għadha ma ħarġitx jew kien għadu ma rċevijiex. Jgħid li Stephen Cachia kien qiegħed hemmhekk ma dawk iż-żewġ minn nies oħra iniżżlu x-shutter tal-blokk għax it-triq żgħira, it-triq żgħira ma stajniex naraw fejn.

Fuq domanda tal-Qorti u muri l-comparisn taż-żewġ ritratti msemmija mix-xhud Clinton Cachia tal-parti tal-bejt fejn kienet qed issir l-opramorta jerġa jafferma li dik perikoluża u tkun trid tinbena malajr, li l-istop order kien għadu ma ħadiex, u li minkejja li kellu l-bennejja tiegħu, hu qabbad l-bennejja bil-fattura biex jgħaġġlu dax-xogħol.

In kontroeżami jgħid li biex titla' sa ġol-penthouse tuża t-taraġ bħal meta tkun toqgħod ġol-penthouse u biex titla minn ġol penthouse għal fuq il-bejt għalqu x-xaft b'platform u jitilgħu dik il-biċċa b'sellum.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li

sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqu hija msejsa it-tieni imputazzjoni, kif ukoll rigward it-tielet imputazzjoni li hija msejsa fuq il-Liġi Sussidjarja 424.21, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih. Dan m'huwiex il-każ fir-rigward tal-liġi prinċipali cioé l-Kapitolu 424 innifsu.

Fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni imputazzjoni, speċifikament fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Bl-istess mod ir-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova:

> *"18. F'kull proċediment għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa sa fejn huwa prattikabbli jew sa fejn huwa raġonevolement prattikabbli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli, l-akkużat ikollu jġib prova skond il-każ li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar għall-ħarsien tad-dmir jew tar-rekwiżit, jew li ma kienx*

*hemm mezz prattikabbli aħjar milli fil-fatt kien intuża biex jiġi sodisfatt dmir jew rekwiżit."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal**-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

## 2. L-Imputazzjonijiet

Għal fini tal-ewwel imputazzjoni li hija bbażata fuq il-Leġislazzjoni Primarja jiġifieri l-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

*" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*

*" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*

*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*

*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta'servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-paragrafu (a) ta' din id-definizzjoni li fil-każ fejn ikun tqabbad kuntrattur, is-sid ikun speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' min iħaddem. Din l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ li s-sid ikun forna xi għodod, tagħmir jew materjal għal difetti magħrufa jew prevedibbli li jistaw jiżviluppaw f'tali għodod, tagħmir jew materjal.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kap 424:

> *"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Skont il-proviso ċitat meta min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, dan xorta waħda jibqa' responsabbli taħt l-obbligi li joħorġu mill-Kapitolu 424 u Regolamenti magħmula taħtu.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-esklużjoni fil-paragrafu (a) tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem' u l-proviso tal-artikolu 6(1) għandhom jinqraw flimkien. Fil fehma ta' din il-Qorti fejn il-proviso jagħmel referenza għal fatt li 'min iħaddem' meta jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra ma' jkunx eżenti mir-responsabbiltà għal nuqqasijiet taħt dan l-Att, jew Regolamenti magħmula taħtu, moqri fid-dawl tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem', ir-responsabbiltà ta' dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra tkun tissussisti biss fil-każ li dik il-persuna tkun forniet għodod, materjal jew tagħmir li rriżultaw difettużi, u dan id-difett kien magħruf minn dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra u ma ġiex indikat lilhom, jew seta' jkun magħruf.

Il-persuna li tkun tqabbdet b'dak li jingħad hawn fuq tibqa responsabbli f-kull eventwalita. Dejjem tibqa l-fakolta tal-Qorti li tikkunsidra l-fatti u provi kollha tal-każ.

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek*

*personali u/jew bħala persuna li tħaddem fis-sit sitwat f'25, Solea, Triq Nazju Falzon, Gżira, nhar it-2 ta' Marzu 2022 u fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424."*

Illi f'din l-imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat **(i) f'ismu personali, u/jew (ii) bħala persuna li tħaddem,** fir-rigward ta' nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-prosekuzzjoni, peress li hekk tiddetta l-liġi, tkompli billi tiddeskrivi f'hiex jikkonsisti tali nuqqas, jiġifieri n-nuqqas milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Din l-imputazzjoni hi msejsa fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia fis-26 ta' Jannar 2022 għamel spezzjoni f'sit ta' kostruzzjoni li jġib l-indirizz 25 Solea, Triq Nazju Falzon, il-Gżira fejn sab erba' ħaddiema li qalulu li kienu jaħdmu ma l-imputat Daryl Borg. Tnejn minn dawn il-ħaddiema xehdu f'dawn il-proċeduri u kkonfermaw dan bil-ġurament u fil-fatt għarfu kemm lill-imputat fl-Awla, kif ukoll is-sit in kwistjoni.

Din il-Qorti tinnota li l-imputat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri fejn huwa ukoll ikkonferma li kellu xogħol għaddej fuq is-sit in kwistjoni fil-Gżira, u li dan ix-xogħol kien għaddijulu dak li huwa jiddeskrivi bħala s-sid, ċertu Victor Vella. B'dan għalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-imputat jinkwadra fid-definizzjoni ta' min iħaddem li l-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwarha hawn fuq.

L-imputat waqt ix-xhieda tiegħu jikkonferma ukoll li kienet saret l-ispezzjoni mill-Uffiċjali tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol li sab lill-ħaddiema tiegħu jaħdmu fuq is-sit.

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia ppreżenta tlett sett ritratti li juru n-nuqqasijiet dwar saħħa u sigurtà fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji, nuqqas ta' railing f'partijiet mit-taraġ, truf tas-saqaf mingħajr ilqugħ, ħaddiem fit-tarf li ma kienx liebes l-ebda forma ta' safety harness, u ħaddiema li ma kellhomx safety shoes.

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li minn nuqqasijiet li ra, jidher li ma kinitx saret evalwazzjoni tar-riskju biex jiġu evitati l-perikli fuq is-sit. Fiċ-ċirkostanzi huwa ħareġ stop order, fejn talab ukoll dokumenti dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, u l-imputat Daryl Borg ġie infurmat dwar dan permezz tat-telefone, kif ukoll l-għada ntbagħtet ordni ta' waqfien mix-xogħol permezz ta' email, li dwarha ġiet ippreżentatat fl-atti ukoll id-delivery notice li tindika li l-email kienet wasslet għand l-imputat.

L-imputat kien intalab sabiex jibgħat ir-rapport mill-project supervisor illi s-sit kien sigur, kif ukoll kopja tar-risk assessment. Sussegwentement, fuq talba tal-Uffiċjal Cachia fl-4 ta' Frar 2022 saret laqgħa l-Awtorità mal-imputat fejn wara li ngħata d-drittijiet tiegħu ġew diskussi in-nuqqasijiet osservati fuq is-sit. Jgħid li l-imputat dakinhar ikkonferma li l-ħaddiema li kienu fuq il-post kienu impjegati tiegħu u li l-evalwazzjoni tar-riskju mitluba fl-ordni msemmija hawn fuq baqgħet ma ngħatatx.

Sussegwentement fit-2 ta' Marzu l-Uffiċjal Cachia għamel spezzjoni oħra fuq is-sit biex jikkonferma li x-xogħol rimedjali kien adegwat, bil-għan li jirrevoka l-ordni ta' waqfien mix-xogħol, u ġibed xi ritratti li ġew esebiti (fol 13 sa 16). Fit-tieni spezzjoni għalkemm ma kienx hemm ħaddiema kien għad hemm nuqqasijiet dwar saħħa u sigurtà, u fil-fatt l-Uffiċjal Cachia baqa' ma neħħiex l-ordni tiegħu għal waqfien tax-xogħlijiet, li fil-

fehma tal-Qorti ma tantx affettwat lill-imputat peress li skont ma jirriżulta mill-provi ix-xogħol kien tkompla minkejja l-imsemmija ordni.

Il-Qorti tinnota li skont l-Uffiċjal Cachia, construction notification form ma kellhiex għalfejn issir peress li mil-breakdown tax-xogħlijiet mill-perit ix-xogħol kien taħt il-five hundred person days.

Li trid tara l-Qorti huwa jekk b'dan aġir l-imputat naqasx milli jħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol.

L-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424 li fuqu hija bbażata din l-akkuża jidentifika dawk il-miżuri ta' prevenzjoni li wieħed għandu jieħu.

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
> *(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
> *(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

> *(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
> *(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Ta' mportanza partikolari għal dan il-każ huwa dak li jgħidu l-paragrafi (a) sa (e) u li jitkellmu fuq ir-riskji assoċjati max-xogħol. Jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol li dawn ir-riskji ma ġewx identifikati, u għaldaqstant ma setgħux jiġu mnaqqsa kif trid il-Liġi.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi din l-imputazzjoni u se ssib lill-imputat ħati dwarha.**

**It-tieni imputazzjoni:** "*2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqast li tara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u*

*dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.."*

Wieħed ma jridx jinsa li għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi sussidjarja 424.36 l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża.

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li d-dokumenti dwar l-evalwazzjoni tar-riskji baqgħu sa dak inhar li xehed ma waslux għand l-Awtorita, u għaldaqstant il-Qorti jirriżultalha ppruvat li x-xogħol fl-għoli ma kienx ippjanat.

Mix-xhieda tal-istess uffiċjal jirriżulta li fis-26 ta' Jannar 2022 kien hemm nuqqasijiet bħal nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji, nuqqas ta' railing f'partijiet mit-taraġ, truf tas-saqaf mingħajr ilqugħ, u fil-fatt seta jiġi nnutat minnu ħaddiem fit-tarf li ma kienx liebes l-ebda forma ta' protezzjoni li tista tipprevjeni dannu dwar korriment f'każ ta' waqgħa mill-għoli. Dwar dawn in-nuqqasijiet ix-xhud jippreżenta xi ritratti fl-atti tal-proċess.

Jingħad li l-perspettiva ta' uħud mir-ritratti mhix daqshekk tajba. Fil-fatt f'uħud mir-ritratti li juru l-galleriji, jidher li hemm l-ilqugħ. Il-Qorti għaldaqstant mhix konvinta dwar in-nuqqas ta' lqugħ fil-gallariji. Tinnota ukoll li l-Uffiċjal naqas mill jitla t-taraġ, u ta' dan ma ttiħx tort peress li skont hu ħass li kien hemm il-perikli. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta li kien hemm periklu fit-taraġ peress li la mir-ritratti esebiti, u lanqas mix-xhieda ta' l-Uffiċjal Cachia ma jirriżultax l-għoli li kien hemm f'dan it-taraġ.

Il-Qorti pero tqis li l-periklu innutat mill-Uffiċjal Cachia jirriżulta ċar minn ritratt numru 2 a fol 5 tal-proċess fejn hemmhekk jirriżulta ċar li l-ħaddiem, li anke jidher fir-ritratt numru 1 a fol 5 mingħajr ilbies protettiv, kien espost għal periklu minn waqgħat mill għoli. Miegħu fl-istess ritratt numru 2 a fol 5 jidher li hemm ħaddiem ieħor.

Irriżulta wkoll xi nuqqas fil-parapet wall li kien baxx u mingħajr railing, anki skont ma jidher minn l-ewwel ritratt a fol 13 li x-xhud ħa waqt iż-żjara tat-2 ta Marzu 2022, u li allura ma kienx idoneu biex jipprevjeni waqgħat mill-għoli.

Għaldaqstant minn dak li ikkunsidrat hawn fuq, il-Qorti jirriżultalha li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li kien hemm xi nuqqasijiet fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' ppjanar u evalwazzjoni ta' riskji. Jirriżulta ċar mil-provi tal-prosekuzzjoni li l-imputat bħala persuna li tħaddem kienet ħadet xogħol li kienu qed jagħmlu l-ħaddiema tiegħu f'għoli u li dan ma kienx ippjanat sew u li ma ttieħdux il-miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' din l-akkuża kien jinkombi fuq id-difiża li tipprova li kien sar ppjanar u evalwazzjoni ta' riskji, u li ttieħdu l-miżuri xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema. Id-difiża dan m'għamlitux.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din it-tieni imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**It-tielet imputazzjoni:** *"3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv*

*personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew inġene għal utenti differenti. Nqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqast wkoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)"*

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li waqt l-ispezzjoni li huwa għamel fis-26 ta' Jannar 2022, kien hemm ħaddiem fit-tarf fil-binja fil-għoli li ma kienx ma kienx liebes l-ebda forma ta' safety harness li kien qiegħed jaqla' l-injam tal-ġenb tax-shuttering, kif ukoll kien hemm xi ħaddiema li ma kellhomx safety shoes. Huwa ippreżenta ritratti f'dan is-sens a fol 5.

Għaldaqstant din il-Qorti peress li jirriżultalha kemm li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-elementi ta' din l-imputazzjoni kif ukoll fid-dawl ta' dak li jistabbilixxi r-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) li jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova ċitat hawn fuq, **il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Ir-raba' imputazzjoni:** "*4. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi inqas li tagħmel, jew li tiżgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attivita tax-xogħol. Dawn l-*

*evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżulta mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L.36/03 (S.L. 424.18).*"

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li dak inhar tas-26 ta' Jannar 2022 wara li kkonstata li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit in kwistjoni, huwa ħareġ stop order, kellem lill-imputat fuq u t-telefon u sussegwentement l-għada ntbagħtet ordni ta' waqfien mix-xogħol permezz ta' email lill-imputat. Fiha huwa talab ukoll dokumenti dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, biss dan id-dokument qatt ma wasal għandu. L-Uffiċjal Clinton Cachia ippreżenta kopja tal-email bid-delivery notice li tindika li l-email kienet wasslet għand l-imputat.

Din il-Qorti tqis li ai termini tar-regolament 20 tal-Liġi Sussidjarja 424.18 kien jispetta lill-imputat li jġib il-prova li tiskolpah minn din l-imputazzjoni, ħaġa li huwa naqas milli jagħmel.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din ir-raba mputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**Il-ħames imputazzjoni:** "*5. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-2 ta' Marzu 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Att XXVII/2000.*"

Mill-provi jirriżulta ċar li l-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia fis-26 ta' Jannar 2022 kien ħareġ ordni għal waqfien tax-xogħol li dwarha huwa informa lill-imputat permezz tat-

telefon kif ukoll għaddielu kopja bil-miktub permezz ta' email. L-unika xogħlijiet li setgħu isiru kien xogħol rimedjali sabiex tiġi riprestinata s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit.

Jirriżultalha ukoll li Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia għamel it-tieni spezzjoni fuq is-sit fejn skont ix-xhieda tiegħu minkejja l-ordni ta' waqfien tax-xogħol, ix-xogħlijiet kienu tkomplew. Huwa ppreżenta t-tielet sett ta' ritratti a fol 17 li huwa compare and contrast tas-sit fis-26 ta' Jannar 2022 u 2 ta' Marzu 2022, u jgħid li anke kif jidher mir-ritratti minkejja li kien hemm ordni ta' waqfien mix-xogħol, kienet ittellgħet l-oppramorta mad-dawra kollha.

Issa minn dan ir-ritratt ma tidhirx id-dawra kollha iżda biss ġemb wieħed u biċċa mil faċċata. Biss din il-Qorti tinnota li hawn ma għandiex każ ta' kunflitt ta' provi anzi, l-provi kollha jikkoraboraw lill xulxin. Dan qed tgħidu peress li l-imputat stess fix-xhieda tiegħu jammetti li x-xogħlijiet tkomplew meta jgħid li huwa kien qiegħed jibża li peress li l-opramorta ma kinitx kompluta beża li taqbadha r-riħ u titfaħħa għal isfel.

Issa din il-Qorti tqis li l-liġi ma tipprovdix xi tip ta skużanti f'dan il-każ, u xorta hija tal-fehma li x-xogħol seta jiġi ppjanat aħjar sabiex f'kull ħin u mument tiġi assigurata s-saħħa u s-sigurta ta' kull min ikun qiegħed fuq il-post tax-xogħol, f'dan il-każ is-sit ta' kostruzzjoni. Il-Qorti anke mix-xhieda tal-ħaddiem bil-fattura Justin Schembri, l-opramorta ma tlestietx dak inhar. Għaldaqstant isegwi li ladarba l-opramorta kompliet tinbena dan bilfors sar waqt li s-sit kien milqut bl-ordni tal-uffiċjal tal-Awtorita'. Il-Qorti għalkemm hija sejra tqis il-fatti spjegati mill-imputat dwar il-perikli tal-opramorta meta tiġi biex tikkalibra l-piena għal din l-imputazzjoni, **peress li din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata mil-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-liġi penali, l-Qorti se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni ukoll.**

**Is-sitt imputazzjoni:** *"6. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tavża lill Jobsplus dwar*

*l-impjieg ta' persuni u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Dwar din l-imputazzjoni l-provi l-aktar importanti huma dawk ta Louis Buhagiar li xehed f'dawn il-proċeduri bħala rappreżentant tal-Agenzija Jobsplus u ppreżenta l-employment history tal-imputat, u lista ta' persuni li huwa ħaddem fid-data tat-2 ta' Marzu 2022. (fol 18 sa 20). Huwa xehed li Daryl Borg kien jaħdem bħala self employed bħala Highup Picker, u fil-ġurnata tat-2 ta' Marzu 2020 kien hemm is-sur Borg (self employed) flimkien ma' sitt impjegati oħra jaħdmu miegħu. L-ismijiet jirriżultaw a fol 20.

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia jgħid li dak inhar tal-ispezzjoni, jiġifieri 26 ta' Jannar 2022 fuq il-post kien hemm erba' ħaddiema - ċertu Stephen Cachia li ma kellux ID card fuqu, ċertu Justin Schembri 37100L, ċertu wieħed Edward Mesu mill-Gana, u Imram Patel mill-Indja li ma kellhomx ID card. Jgħid li meta saqsihom ma min kienu jaħdmu, huma rreferewh għall Daryl Borg. Mid-dokumenti li ppreżenta x-xhud Louis Buhagiar jirriżulta li Stephen Cachia kien reġistrat bħala ħaddiem mal-imputat. Mix-xhieda ta' Justin Schembri jirriżulta li dan kien self employed. Biss Edward Mesu u Imram Patel ma jidhrux li kienu reġistrati bħala ħaddiema mal-imputat.

L-imputat fil-laqgħa li kellu mal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clinton Cachia nhar l-4 ta' Frar 2022 jikkonferma li dawn kienu ħaddiema tiegħu. Il-Qorti qieset ukoll x-xhieda ta' Stephen Cachia li muri ritratti numru 1 u 2 a fol 5 jikkonferma li dawk il-ħaddiema kienu hemm. Ikkunsidrat ukoll li minn dawn ir-ritratti jirriżulta li l-ħaddiem ta' karnaġġion skur fir-ritratt 1 jidher liebes ħwejjeg simili jekk mhux identiku u distintiv għar-ritratt numru 2 lkoll a fol 5. Il-ħaddiem msemmi fir-ritratt 2 a fol 5 jidher qed jaħdem fuq is-shuttering fil-livell ta' fuq nett tal-binja.

Issa idejalment il-Qorti sabiex ikun hemm ċertezza dwar dan il-punt kienet tisma lill-dawn iż-żewġ ħaddiema sabiex jikkonfermaw ma min kienu jaħdmu. Din kienet tkun prova diretta. Iżda peress li dawn huma barranin u ma kellhomx forma ta' identifikazzjoni fuqhom dawn ma setgħux jiġu rintraċċjati mil-prosekuzzjoni sabiex jitellaw jixhdu.

Illi għalhekk il-Qorti trid tanalizza l-provi l-oħra kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni li jikkoraboraw l-akkuża dwar ma min kienu qed jaħdmu dawn iż-żewġ persuni. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, deċiża fil-5 ta' Lulju 2002:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in 24eċi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit tal-univoċita tagħha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju* ***raġjonevoli*** *fir-rigward għandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża fit-8 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

> "*Biex wieħed jistabbilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wiehed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi ta n-nuqqas ta' univoċita"*

Illi fil-kawza **The Police vs Lela Ristic** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2015 ingħad li:

> *"At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows :*
> *Huwa veru wkoll li l-Qorti għanda tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi. Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg', fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi. Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunżjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-każ li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil', "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċizjoni matematika." Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.*
> *Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Parctice (1997 edition para 10-3) b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952) jgħid: "Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before*

*drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other coexisting circumstance which would weaken or destroy the inference." Illi din hija eżattament il-posiżżjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'.*

*Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence :-*

*(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);*

*(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;*

*(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference);*

*(d)it has to ensure the continuity of the chain of evidence;*

*(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt."*

**Din il-Qorti wara li qieset il-provi kollha msemmija hawn fuq dwar din l-imputazzjoni tikkonkludi li mill assjem ta' dawn il-provi indizzjarji, li univokament kollha jippontaw lejn direzzjoni waħda, tista' tasal għal konvinċiment morali rikjest mil-liġi penali li dawn kienu ħaddiema tal-imputat u għaldaqstant sabiex l-imputat jinstab ħati ta' din is-sitt imputazzjoni.**

**Is-sebgħa imputazzjoni:** *"7. Akkużat ukoll talli fl-istess ċirkostanzi, bħala prinċipal l-impjegajt xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u l-liċenzja ta' impjieg, ai termini tal-artiklu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-provi fil-livell rikjest mil-liġi li l-ħaddiema li skont l-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia kienu barranin, l-ewwel

nett ma kienx ċittadin ta' Malta u li ma kienux fil-pussess ta' permess waħdieni u l-liċenzja ta' impjieg, għaldaqstant **ma hijiex se ssib lill-imputat Daryl Borg ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat id-daqs tal-proġett in kwistjoni. Kif jingħad hawn fuq ikkunsidrat ukoll iċ-ċirkostanzi dwar il-periklu li ssussista u li wassal lill-imputat sabiex ma jobdi l-ordni ta' waqfien ta' xogħol maħruġa mill-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol.

## D. Deċide

Għal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat Daryl Mark Borg detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 250086M ħati tas-seba' mputazzjoni, u wara li rat l-artikolu 2, 6(1) u 6(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 15, u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-iSkeda IV, Taqsima B, Sezzjoni II tal-Liġi Sussidjarja 424.36, tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1), 10(2), 11 u 17 tal-Liġi Sussidjarja 424.21, ir-regolament 10(1) u 20 tal-Liġi Sussidjarja 424.18, l-artikolu 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta issib l-imputat Daryl Mark Borg detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 250086M ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u b'assorbiment tal-piena tat-tieni, tat-tielet, ir-raba, il-ħames, u s-sitt imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal-piena ta' multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal-ewwel imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tielet imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għar-raba imputazzjoni, nofs l-ammont ta' ħames

mitt ewro (€500) għal-ħames imputazzjoni u nofs l-ammont ta' elef Ewro (€1,000) għas-sitt imputazzjoni).

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**